

# BORD EWROPEW DWAR IR-RISKJU SISTEMIKU

## DEĊIŻJONI TAL-BORD EWROPEW DWAR IR-RISKJU SISTEMIKU

tal-31 ta' Awwissu 2018

dwar il-ħatra tal-Uffiċjal għall-Protezzjoni tad-Dejta tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku

(BERS/2018/6)

(2018/C 347/04)

IL-BORD ĠENERALI TAL-BORD EWROPEW DWAR IR-RISKJU SISTEMIKU,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 24 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni BERS/2012/1 tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku tat-13 ta' Lulju 2012 li timplimenta regoli dwar il-protezzjoni tad-data fi ħdan il-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku<sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tagħha,

Billi:

- (1) Fl-1 ta' Ġunju 2015, il-Bord Ġenerali tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS) adotta d-Deċiżjoni BERS/2015/1 tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku<sup>(3)</sup>, li ħatret lis-Sinjura Barbara Ettl bħala Uffiċjal għall-Protezzjoni tad-Data (DPO) tal-BERS sal-31 ta' Mejju 2017.
- (2) Is-sinjura Ettl qdiet l-ħatra tagħha bħala DPO tal-BERS b'mod sodisfaċenti għal kollox.
- (3) Is-sinjura Ettl ilha taqdi *de facto* d-dmirijiet tagħha ta' DPO tal-BERS mill-1 ta' Ġunju 2017 u hemm bżonn li terġa tinħatar mill-Bord Ġenerali tal-BERS għat-tieni mandat tagħha b'effett retroattiv mill-1 ta' Ġunju 2017,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### Artikolu 1

#### Ħatra ta' DPO tal-BERS

Is-sinjura Barbara Ettl hija maħtura bħala DPO tal-BERS għat-tieni mandat, b'effett mill-1 ta' Ġunju 2017 sal-14 ta' Mejju 2020.

### Artikolu 2

#### Dħul fis-seħħ

1. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-31 ta' Awwissu 2018.
2. Għandha tapplika mill-1 ta' Ġunju 2017.

Magħmul fi Frankfurt am Main, il-31 ta' Awwissu 2018.

Kap tas-Segretarjat tal-BERS,  
fisem il-Bord Ġenerali tal-BERS  
Francesco MAZZAFERRO

<sup>(1)</sup> ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti Kapitolu 13, Vol. 26, p. 102.

<sup>(2)</sup> ĠU C 286, 22.9.2012, p. 16.

<sup>(3)</sup> Deċiżjoni BERS/2015/1/2015/1 tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku tal-1 ta' Ġunju 2015 dwar il-ħatra ta' Uffiċjal għall-Protezzjoni tad-Data tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku, (ĠU C 204, 20.6.2015, p. 18).